KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 454 (8-82)

It-Tnejn 6 ta' Mejju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.
Is-Seduta bdiet fis-6.30pm minħabba nuqqas ta' kworum.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI

Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**454.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**454.1.2** Inqrat l-ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace.

**454.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**454.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 453. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**454.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**454.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**454.3.1** Is-Sindku qal li kkuntattjawh is-sidien tal-Limestone Heritage dwar il-kwistjoni tal-operat illegali f'barriera viċin, referenza PA/07598/21, li l-Kunsill iddiskuta f'diversi Seduti preċedenti u kien anka tella konfrenza stampa. Hu qal li s-sidien ingaġġaw lill-Perit N.Felice biex iħejji rapport dwar id-diversi nuqqasijiet u skond ir-rapport l-operat għadu għaddej u ma ttieħdet l-ebda azzjoni mill-awtoritajiet. Is-Sindku qal li kopja ta' dan ir-rapport ser iqassmu lill-Kunsilliera għall-attenzjoni tagħhom, u jekk hemm lok ta' azzjoni minn naħa tal-Kunsill, tittieħed, anka f'dawn l-aħħar ġimgħat ta' din il-leġislatura. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jistax jitraskura attivita' illegali speċjalment fejn jidħol ambjent. Huwa qal li jekk hemm bżonn issir laqgħa fil-preżenza tal-perit Felice biex jispjega r-rapport fid-dettall. Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk dan ir-rapport jinkludix it-tlett siti li kienu ssemmew. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv u qal li jiproponi laqgħa fil-jiem li ġejjin.

**454.3.2** Is-Sindku qal li ġie ffirmat il-Memorandum of Understanding bejn id-Dipartiment tax-Xogħolijiet u l-Kunsilli Lokali, b'fond totali ta' 10 miljuni. Hu qal li parti minn dan il-finanzjament ser tintuża imminenti, fejn it-talba tal-Kunsill tas-Siġġiewi tinkludi l-belisha crossings ta' Triq Dun Manwel Zammit u bankini madwar il-lokalita'.

**454.3.3** Is-Sindku informa li nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju 2024 fin-12.30pm, l-Onorevoli Omar Farrugia ser iżur iż-żewġ proġetti li għaddejjin bħalissa, iz-zuntier u l-ġnien ta' Ramija. Il-Kunsill kollu huwa mistieden.

**454.3.4** Is-Sindku rrefera għal ftehim mal-Fondazzjoni Patrimonju Siġġiewi għal 5 snin li ġejjin. Hu qal li ġiet mistiedna l-Onorevoli Alison Zerafa Civelli biex tkun preżenti, u d-data tiġi imħabbra 'il quddiem meta nirċievu l-konferma.

**454.3.5** Is-Sindku rrefera għat-talba ta' għajnuna finanzjarja mill-Fondazzjoni Patrimonju Siġġiewi li preżenta f'Seduta preċedenti. Hu qal li l-ispiża totali biex jittella l-kunċert hija ta' madwar €8000, fejn il-Fondazzjoni diġa ġiebu finanzjamenti oħra u jonqos bilanċ ta' madwar €3000. Is-Sindku qal li inizjattivi li jipromwovu kultura lokali għandhom jiġu appoġġati u propona li l-Kunsill japprova l-għajnuna għal dan l-ammont. Il-Kunsill unanimament qabel.

**454.3.6** Is-Sindku qal li avviċinawh il-Kumitat tal-Festival Brass Band għal għajnuna finanzjarja fil-parteċipazjoni tal-banda dak inhar tal-Irxoxt. Hu qal li din il-banda ikollha ħafna spejjeż peress li jkollha bandisti barranin. Il-Kunsillier Julian Borg qal li għandu jkun hemm bilanċ fejn tidħol għajnuna lill-għaqdiet anka meta jkunu mistiedna f'attivitajiet. Is-Sindku propona għajnuna finanzjarja ta' €500 għas-servizz li ingħata. Il-Kunsill unanimament qabel.

**454.3.7** Is-Sindku qal li avviċinawh sidien ta' ġonna fi Triq l-Imqabba minħabba problema ta' qlib tal-ilma. Hu informa li bħalissa għaddej xogħol mill-Enemalta, fejn wara jsiru l-bankini u jingħata l-wiċċ tat-triq.

**454.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**454.4.1** Il-Kunsilliera Francine farrugia qalet li avviċinawha diversi persuni rigward l-istop sign li tpoġġiet fi Triq Blat il-Qamar ma' Triq Bur il-Kbir, u saqsiet jekk hemmx xi risposta minn Infrastructure Malta dwarha. Hi qalet li infurmawha b'diversi inċidenti li saru, peress li qabel l-Istop kienet għal min ikun nieżel minn Bur il-Kbir. Is-Sindku qal li kellem direttament lic-CEO biex issir ri-evalwazjoni tal-arranġament tat-traffiku fiż-żona.

**454.5** **Implimentazjoni ta' arranġamenti one way fi Triq il-Knisja l-Qadima u Triq San Ġakbu**

**454.5.1** Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni tal-arranġamenti tat-traffiku 'one ways' fi Triq il-Knisja l-Qadima, Triq San Ġakbu. Huwa qal li qabel jiġu implimentati jridu jissolvew diversi issues li inqalgħu mis-sidien tal-garaxxijiet. Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għall-arranġament ta' one way fi Triq il-Girgenti. Huwa qal li filwaqt li l-kunċett huwa tajjeb, dan ħa jikkawża influss ta' traffiku lejn Triq Blat il-Qamar għal min ikun ħiereġ fejn diġa teżisti problema ta' traffiku. Hu propona li din diġa' inkorporata 'il quddiem meta jsir proġett ħolistiku ma' Triq Blat il-Qamar. Is-Sindku propona laqgħa ta' konsultazzjoni rigward dawn l-issues nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju wara iż-żjara tal-Onor. Farrugia.

**454.6** **Applikazzjonijiet ta' Sleeping Police ma' Transport Malta**

**454.6.1** Is-Sindku qal li ġew installati ir-road humps fi Triq in-Nirien skond l-approvazjoni ta' Transport Malta. Is-Sindku rrimarka li trid tiżdied biċċa oħra fejn hemm il-parkeġġ għax il-vetturi qed jevitawhom u jsuqu fil-ġenb. Is-Sindku qal ukoll li hemm bżonn traffic calmer fi Triq ta' Ħal Xluq għax il-vetturi jgħaddu b'veloċita qawwija.

**454.7** **Xogħolijiet fuq il-Progett tal-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier**

**454.7.1** Is-Sindku qal li x-xogħol miexi kif pjanat u li kull ġimgħa jkun hemm aġġornamenti u laqgħat ta' koordinament dwar l-andament tax-xogħolijiet.

**454.8** **Xogħolijiet ta' manutenzjoni ġenerali madwar il-lokalita'**

**454.8.1** Is-Sindku qal li s-sitwazjoni tal-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, kif diġa informa diversi drabi, mhix produttiva u għalhekk biex isir xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' ikollhom jiġu ingaġġati terzi. Hu qal li dan l-aħħar sar upkeep fir-roundabouts u traffic islands, xi tiswija minima, u żebgħa, saru wkoll il-konok u tħawwil ta' siġar fi Triq Dun Manwel Zammit, u tranġar tal-kurduna u l-art. Hu qal li fil-leġiżlatura li jmiss, il-Kunsill għandu jaħdem fuq pjan serju biex isir ċerti xogħol, meta bil-ħaddiema eżistenti aħna limitati. Is-Sindku qal li ovvjament dan jinvolvi iktar finanzi u jkun hemm limitazjonijiet kemm xogħol tista tagħmel.

**454.9** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali sal-aħħar tal-leġislatura**

**454.9.1** Festa San Nikola 2024

Is-Sindku qal li din is-sena l-festa tinzerta bejn żewġ leġislaturi, għalkemm uffiċjalment din il-leġislatura tibqa' operattiva sal-aħħar ta'Ġunju. Hu qal li xorta hemm kontinwita' u bħalissa għaddejjin il-preparamenti fl-organizzazzjoni. Hu qal li diġa saret laqgħa kkoordinata mill-Arċipriet fejn kien preżenti hu u s-Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kunsill, is-Supretendent u spetturi tal-Pulizija u rappreżentanti tal-għaqdiet. Qal ukoll li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa bħal kull sena mas-sidien tal-bars. Is-Sindku qal li l-kwistjoni li kien hemm is-sena l-oħra bejn il-Każin Banda San Nikola u l-Għaqda tan-Nar issolviet. Is-Sindku semma wkoll il-ftehim mal-Każin Banda San Nikola fejn intbgħatu żewġ abbożżi fuq siti separati u sar qbil dwarhom. L-amministrazjoni bdiet taħdem ukoll fuq stimi għal tindif u ġbir ta' skart għal matul il-jiem tal-festa, b'koordinament ukoll mar-Reġjun Punent.

**454.9.2** Inawgurazzjoni tal-proġett ta' restawr

Is-Sindku informa li r-restawr fuq l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes wasal fl-aħħar u jonqos xi xogħol fuq il-ħadid. L-inawgurazjoni hija pjanata għad-29 ta' Mejju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija b'koordinament mal-arċipriet u l-parteċipazzjoni tal-Legion of Mary.

**454.9.3** Mafkar lil mibki Fr Nicholas Cachia

Is-Sindku informa li iktar tard jinfurma b'data meta jiġi inawgurat il-mafkar ta' Fr Nicholas Cachia fir-roundabout ta' Triq it-Tabib Nikola Zammit ma' Triq il-Kirċippu, b'koordinament mal-Arċipriet. Sadattant qed jikkoordina mal-perit Cintorino għal disinn klassiku tal-mafkar u l-kliem.

**454.9.4** Għodwa Agrarja

Is-Sindku informa li fuq talba ta' diversi bdiewa u anka għaqdiet, nhar it-2 ta'Ġunju ser issir attivita' ta' nofstanhar, bejn it-8.30am u s-1.00pm b'element agrarju, bil-parteċipazzjoni ta' bdiewa u raħħala, esibizjoni ta' prodotti agrikoli lokali u makkinarju. Ser ikun hemm anka stalls mill-għaqdiet b'bejgħ ta' ikel u diversi prodotti.

**454.10** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**454.10.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**454.11** **Rapport tal-Korrispondenza**

**454.11.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**454.11.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat korrispondenza mid-Diviżjoni Gvern Lokali dwar approvazzjoni ta' direct order tas-servizz ta' Tindif tat-Toroq Rurali għal perijodu mill-1 ta' Frar 2024 sal-31 t'Awissu 2024, bl-ammont kif muri fl-istima. Hija qalet li is-sejħa għat-tender għal dan is-servizz tagħlaq fit-8 ta' Mejju 2024. Fuq l-istess suġġett, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li intbagħtet talba għal permess għal direct order ukoll għas-servizz tal-knis għal perijodu Mejju sa Lulju.

**454.11.3** Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-ittra tas-Sur G.Galea datata 16 t'April 2024, b'risposta għal email fejn ġie infurmat dwar l-aċċettazjoni tal-istima mibgħuta minnu u kif approvata fl-aħħar Seduta fejn kien qed jopponi li jitħallas b'dak l-ammont, u ittra oħra mis-Sur G.Galea tramite l-avukat tiegħu datata 24 t'April 2024, liema korrispondenzi diġa ġew ċirkolati lill-Kunsilliera kollha meta riċevuti. Hija qalet li l-korrispondenzi ġew mibgħuta lid-Dipartiment Gvern Lokali, u lill-avukat tal-Kunsill u qrat ir-risposti tad-Direttur Ġenerali, liema risposta tikkonferma li l-azzjonijiet meħuda mis-Segretarju Eżekuttiv huma f'lokom u biex jissalvagwardjaw l-integrita' tal-Kunsill Lokali skond id-dover tal-kariga. Ir-risposta tgħid ukoll li jekk il-Kunsill, anki unanimament jirriżolvi li jagħti jew jiġi mħejji l-Kuntratt mitlub, dan ma jistax jiġi ffirmat mis-Segretarju Eżekuttiv għax imur kontra r-Regoli tal-Akkwist Pubbliku. F'dan il-każ qed tinġieb din il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill u hija d-deċiżjoni tal-Kunsill jekk tittieħidx azzjoni f'dan ir-rigward.

Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar is-sitwazzjoni attwali u jekk allura irrinunzjax li jiprovdi s-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċevietx f'dan ir-rigward iżda li l-individwu qatt ma tfaċċa u allura mhu jiprovdi l-ebda servizz. Is-Sindku talab li tintbgħatlu komunikazjoni dwar dan, u li allura l-Kunsill jgħaddi għat-tieni stima riċevuta, għall-ammont ta' €3600 għal tlett xhur. Il-Kunsill unanimament qabel.

**454.11.4** Il-Kunsillier Julian Borg rrefera għall-permessi ta' xogħol minn Transport Malta mill-korporazzjoni Melita biex jiġu installati 'service boxes' f'diversi toroq. Hu rrimarka għal Pjazza San Ġwann fejn hemm il-bankijiet, u qal li din hija landmark li għandha titranġa u tissebbaħ u li l-Kunsill għandu joġġezzjona li tiġi installata din il-kaxxa. Is-Sindku propona li jinstab sit ieħor iktar adatt. Il-Kunsill unanimament qabel.

**454.12** **Rapport tal-ilmenti**

**454.12.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**454.13** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**454.13.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**454.14** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**454.14.1** Il-Kunsillier Julian Borg qal li kellmuh residenti minn Triq Grezzju Pace fejn qed ikun hemm vetturi pparkjati u jgħaqlu l-aċċess. Is-Sindku qal li dan l-aħħar kellmuh anka l-Pulizija tal-Komunita' rigward dan, u qal li skond residenti dejjem kien hemm ftehim dwar il-parkeġġ anka peress li hemm problema ta' spazju ta' parkeġġ fiż-żona.

**454.15** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**454.15.1** Il-laqgħa intemmet fis-7.40 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 3 ta' Ġunju 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 3 ta' Ġunju 2024

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv